DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ...............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .....................................    DATA/DATI ........................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

**GĦASFUR TAĊ-ĊOMB**

*3 Att, 1 Xena, p.139 (f)*

## PETRA

**TNEĦĦI L-INTENZJONI, X'JIBQA' MILL-IMĦABBA?**

Lin-Nanna kont ġa kellimtha għal siegħa sħiħa. Jew forsi, kellmitek hi?

Min miet tassew hemm ġew, Samwel, wara dak il-bieb magħluq?

Għax ġew qalulek, u ma qalulekx, hux hekk, Samwel?

Taħseb li dak li ma ridtx taf fuqi, issa qaluhulek. U fin-nisġa tal-ħrejjef wieħed imut bl-iċken kelma – l-iċken magħmul. L-iċken żiffa ta' realtà kapaċi ssir riefnu u teqred l-illużjoni. U meta r-riħ idur kontra tiegħek ma tistax tkompli timxi fuq l-ilma. Fejn sa nidfnuha issa lil Rapunzell, Samwel?

*SAMWEL: Elen... Elen kienet taf. Kienet taf għaliex baħtet għalija n-Nanna. U għalhekk...*

/ Għalhekk tellgħetni hemm fuq magħha Elen. Forsi qaltilha n-Nanna. Għalhekk urietni l-moħbiet ta' Eżra. Mewta oħra żgħira. Bi tpattija.

*SAMWEL: Ġuda.*

/ Biex żgur ma jkollix illużjonijiet aktar – u lanqas int. Forsi Dun Pawl ikun jaf itaffilhom xi ftit is-sens ta' ħtija. L-intenzjoni li tgħodd, jgħidu. Tneħħi l-intenzjoni, x'jibqa' mill-imħabba? *(<142)*

PDF p.139

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ..................................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = **SAMWEL**

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.